OFM-LINK

ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - M A L T A
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU. 186 FRAR 2013



Dettal tal-Kurċifiss Mirakuluż, li jinsab meqjum fil-kappella tal-Kurċifiss fil-Knisja tagħna ta' S. Marija ta' Ġesu, il-Belt Valletta. Dan il-Kurċifiss inħadem madwar is-sena 1630 minn Frate Umile Pintorno O.F.M. minn Petralia Soprana, viċin Palermo (1600–1639). Fl-1646 inħoloqot l-Arċikonfraternita' biex tkattar id-devozzjoni lejh. Alla biss jaf kemm persuni, tul dawn is-snin li ilu hemm, marru jitolbu u jiftħu qalbhom quddiemu !!!

>>>>> Infakkru lill-aħwa kollha : Biex fit-talb tagħhom ikomplu jiftakru f'ħutna li qegħdin jaħdmu fil-missjonijiet, speċjalment bħalissa fil-missjoni ta' Benghazi u fil-laqgħa speċjali li se ssir nhar l-14 ta' Mejju għall-aħwa kollha ġewwa d-Dar tal-Irtiri Porzjunkola, Baħar iċ-Ċagħaq.

Il-fidi ta' Missierna S. Franġisk (5)

3. Xi noti dwar din il-fidi ta' Franġisku (ii)

D) Fidi b' qalb sensibbli

Diġa għedna li l-imħabba hija l-forma tal-ħajja ta' Franġisku. B'koerenza ma' dan, tidher l-emozzjoni u t-tenerezza, li permezz tagħhom Franġisku jagħraf jifhem il-persuni divini u l-azzjonijiet tagħhom. Din l-emozzjoni tiegħu nsibuha f' kitbietu. "O kemm hu glorjuż u qaddis u kbir li jkollna fis-sema Missier! O kemm hu qaddis, paraklitu, sabiħ u tal-għaġeb li jkollna Għarus! O kemm hu qaddis u kemm hu ta' min iħobbu, kemm jogħġob, kemm hu umli, mimli sliem, ħelu u ta' min iħobbu u ta' min jixtiequ fuq kollox li jkollna ħuna u Iben bħal dan, li offra ħajtu għan-ngħaġ tiegħu" (EpFid II 54 {FSF 49). Hemm bżonn niġbru l-aġġettivi, l-avverbji u l-verbi kollha li Franġisku uża meta tkellem fuq il-Missier jew fuq Ġesu'. Huwa tant sinjifikattiv il-fatt li meta kiteb l-*Uffiċċju tal-Passjoni tal-Mulej*, fis-salmi, minflok il-kelma 'Alla' huwa poġġa l-kelma "Missier", b' dawn l-espressjonijiet, li ħarġu minn qalbu: 'Missier qaddis tiegħi' (5 {FSF 126}); 'Missier qaddis' (9 ; 11 {FSF 130}, 9 {FSF 132}); 'Missier l-aktar qaddis' (3 {FSF 131}; 1 {FSF 142}) ; 'Missier l-aktar qaddis tiegħi' (15 {FSF 133}); 'O Missier qaddis' (12 {FSF 134}) ; 'It-tifel l-aktar qaddis' (7 {FSF 143}).

Il-fidi ta' Franġisku hija ammirazzjoni, silenzju, adorazzjoni, ferħ, eżultanza u tenera. Imma minn fejn ġietu din l-emozzjoni? Qabelkollox mill-gratitudni li saret parti integrali mis-sentimenti tiegħu. Huwa kien jitlaq mill-fatt li kellu viżjoni t'Alla bħala t-Tjubija, l-ogħla Tjubija u għandu kull Tieba' (ara Adm 17, 1 {FSF 17} ; 19,1 {FSF 19} ; RegNB 17,6 {FSF 176 }; 17, 17-19 {FSF 176} ; 23,1-11 {FSF 182} ; EpFid II {FSF 49}). Imbgħad hemm il-qawwa divina: il-ġenn tal-imħabba, l-iskandlu t' Alla-Qaddej, t' Alla li ma jintagħrafx li huwa Alla u t' Alla fuq is-salib.

L-istess emozzjoni nsibuha fil-qima ta' Franġisku lejn l-Ewkaristija (ara Test 4 {FSF 187}; u *passim* fl-ittri; fil-qima lejn 'il-kliem u ismijiet miktuba l-aktar qaddisa' (Test 12 {FSF 187} ; EpOrd 35 {FSF 61} ; u *passim*); fil-qima lejn is-saċerdoti (Test 6-10 {FSF 187}) ; fil-valur taċ-ċirka - ti-tallab il-karita (RegNB 9, 5 {FSF 168} ; RegB 6,2-3 {FSF 151} ; 2C 44, 74 {FSF 793}; CA 96 {FSF 698}) u f' modi oħra ta' mġiba.

e) Fidi dinamika

Il-dinamiżmu huwa kostanti fit-temperament ta' Franġisku. Dan jgħodd ukoll fil-qasam tal-fidi. fuq kollox l-ansjeta' li għadek tara f' enigma bħal 'f' mera imċajpar' u x-xewqa li tara 'wiċċ imb' wiċċ (1 Kor 13, 12) inbiddel f' ansjeta' ta' mħabba - 'hu xtaq ikun jaf kif hu seta' jogħġob lis-Sultan ta' dejjem' (1C 2, 91 {FSF 282}). Ic-Celano jkompli jgħid: "ma kienx iqis li kien għadu wasal u fil-waqt li kien jibqa' sħiħ fil-proponiment ta' tiġdid qaddis, kien dejjem jittama li jibda mill-ġdid'(1C 6, 103 {FSF 294}). Franġisku kien bniedem dejjem ifittex. Kien dejjem 'pellegrin u għarib' f' din id-dinja, dejjem għaddej fit-tfittix tal-Maħbub tiegħu. Fl-*Ittra lill-Ordni kollu* ħalla din it-talba: "O Alla ta' dejjem li tista' kollox, etern, ġust, ta' ħniena, minħabba fik innifsek, agħti lilna msejknin li nagħmlu dejjem dak li nafu li jogħġob lilek, u dejjem irridu dak li jogħġob lir-rieda tiegħek. Hekk, imnaddfin minn ġewwa, imdawwlin fir-ruħ u mixgħulin bin-nar tal-Ispirtu s-Santu, nkunu nistgħu nimxu fuq il-passi tal-Iben maħbub tiegħek, il-Mulej tagħna Ġesu' Kristu, u bil-grazzja tiegħek biss naslu għandek, l-Aktar Għoli. Int li fi Trinita' perfetta u unita' sempliċi, tgħix u ssaltan fil-glorja, Alla li tista' kollox, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.' (50 {FSF 64}).

4. Xi sitwazzjonijiet konkreti f' ħajjiet tal-fidi ta' Franġisku (i)

Diġa' għedna li Franġisku, permezz tal-fidi, huwa żera' l-għeruq tiegħu fil-ġenna. Din is-sitwazzjoni 'għall-kuntrarju' tat bidu għall-forma t' eżistenza wkoll 'għall-kuntrarju' tal-mod komuni kif jaraw il-bnedmin, u b' mod l-aktar sorpriż b' ferħ. Dan il-mod evidenti li tgħex 'għall-kuntrarju' tagħti l -importanza għall-oriġinalita' tal-ħajja u l-ferħ franġiskan: kif tista' tkun ċert mingħajr appoġġ f' din id-dinja, kif tista' tkun fer]an f'qagħda ta' faqar, kif tista' taħdem mingħajr il-kilba tal-paga, kif tista' toħloq ordni soċjali rivoluzzjonarju.

Din l-istatwa ta' S. Franġisk tinsab fil-kor tal-Bażilika ta' S. Pietru ġewwa l-Vatikan.

Waħda mill-aktar affarjiet li jagħġbuk fil-ħajja ta' Franġisku hija l-koerenza, li fl-istess ħin hi implakabbli u faċli li twassal il-fidi fil-bosta sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja ta' kuljum. Is-sempliċita' li biha tasal għall-konkluzjonijiet tfakkarna fl-istorja tal-bajda ta' Kristoforu Colombo, li hija tant `ara u tasal malajr għall-loġika tagħha. Issa se naraw kif mill-veritajiet il-kbar tal-fidi jistgħu jinbtu xi whud mill-aspetti importanti tal-ħajja franġiskana.

Alla għandu l-milja tat-tjubija u l-faqar

Wa]da mill-esperjenzi profondi ta' Franġisku hija li Alla g]andu l-ogħla tjubija. Huwa kien jaf li Alla kien iħobbu b' imħabba ta' ġenn u din kienet timlih b' ferħ kbir u għalhekk sar 'il-Ħabbar tas-Sultan il-Kbir'. Dan nistgħu narawh f' tant riferenzi li nsibu fil-kitbiet tiegħu. Biżżejjed naqraw, per eżempju, il-kapitlu 23 tar-Regola mhux Bullata {FSF 182}, *it-Tifħir lil Alla l-għoli* ({FSF 31} u l-*Għanja tal-Ħlejjaq* {FSF 30}. Aħna nistgħu nsibuha diffiċli biex nifhmu kif Alla jista' jkun ferħan, twajjeb, mimli b' kull ġid. Imma għal Franġisku dan ma kienx, għax il-biografi stess jgħiduluna. It-tifħir u talb li kiteb hu stess huma xhieda ta' dan ukoll (ara 2C 51, 84 {FSF 802}). 'Għandu lil Kristu u permezz tiegħu għandu *kollox f' kulħadd'* (ara wkoll CA 101 {FSF 704 }).

Hawn f' dan il-ferħ, jinbet l-għeruq l-aktar tajjeb, il-faqar. Il-ħwejjeġ se jidhru li huma bżonnjużi għall-ħajja tal-bniedem imma se jidhru bħala passaġġ. Huma bħal xi ħaġa 'iktar', għaliex il-ferħ ġej minn Alla : "Mela fittxu l-ewwel s-Saltna u l-ġustizzja tiegħu, u dan kollu jingħatalkom ukoll" (Mt 6, 33). Hawn tidħol il-liberta' wkoll tal-qaddis quddiem il-ħwejjeġ maħluqa, in-nies (per eżempju: Klara) u l-opra tiegħu (li t-tmexxija tagħha fada lill-oħrajn).

ikompli fil-ħarġa li jmiss

Mons. Silvestru Magro O.F.M., Vigarju Appostoliku ta' Benghazi, qed jingħata l-midalja ta' Uffiċjal tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu tar-Repubblika ta' Malta mingħand l-Eċċ. Tiegħu l - President ta' Malta, Dr. George Abela, nhar it -13 ta' Diċembru 2012, fil-Palazz Presidenzjali, il-Belt Valletta.

Barbaro (+1229)

Barbaro, li kien minn Assisi, fl-1209, ġie milqugħ minn S. Franġisk, bħala s-seba' wieħed minn tnax. 'Kellu mħabba kbira lejn il-faqar, li fuqha Franġisku kien jitkellem bl-għola ġieh, kif ukoll kien jgħexha bl-għemejjel tiegħu. Franġisku kien itenni li l-faqar kien tezor li m' ħawnx prezzu u jilħaq l-għola glorja fil-ġenna'. (Iacobilli, *Vite*, I, 516).

Fra Barbaro kien jħobb ħafna l-faqar imqaddes. fil-fatt huwa ma ried xejn ħlief it-tonka, il-mantell u l-kurdun u dawn 'kienu jkunu mqattajn u mimlija qrejjaq' (Iacobilli, cit.). Fid-diskors tiegħu kien umli u dħuli, fl-imħabba lejn il-proxxmu kien mimli ħeġġa, kien jitlob ta' spiss u fil-penitenzi kien aħrax. Huwa għex ma' Franġisku u sħabu f' bosta postijiet.

Fl-24 ta' Ġunju 1219, mar ma' Franġisku u sħabu sal-Orjent. Waqt li kien Cipru (għal xi wħud il-post kien '*Isola di Scipio*' li ġie identifikat ma' Limisano jew Limigiano, qrib Assisi), ic-Celano jgħidilina li wieħed mill-aħwa (Barbaro) qal kelma iebsa li biha weġġa lil wieħed mill-aħwa quddiem raġel nobbli mill-ġżira ta' Cipru. Dan meta ntebaħ li dak ħuh kien weġġa' bil-kelma li qallu, ħa ftit ħmieġ ta' ħmar, u biex jagħmel vjolenza fuqu nnifsu, beda jogħmodu u jgħid: "Ħa jomgħod il-ħmieġ dak l-ilsien li minnu ħareġ il-velenu tal-korla kontra ħija". Meta dak ir-raġel ra dan kollu baqa' edifikat ħafna, u minn dak iż-żmien sar ħafna midħla tal-aħwa' (2C 115,155 {FSF 869} ; SP 51 {FSF 1496}). Meta reġa lura l-Italja, mar joqgħod ma' sħabu fil-Porziuncola. Hemm ingħata kompletament 'għat-talb kontinwu u għall-kontemplazzjoni'. Kien preżenti għall-mewt ta' missieru Franġisku u kompla jagħmel li jista' biex jimitah fil-virtujiet kollha' (Iacobilli, cit.)

Frate Barbaro miet fis-7 ta' Mejju 1229, b' fama ta' qdusija kbira. Imma l-*Franceschina* I, 187-188 tgħid li forsi miet fl-1233. Skont xi xhud wisq probabbli li ndifen fl-istess post fejn għex.

F' dan ir-ritratt jidher P. Charles M. Grech O.F.M. waqt li qed jqaddes fil-*flats* ta' Sutton li għandhom *Puttinu Cares*.
Dawn il-*flats* jsservu għal-familjari tal-persuni li jkollhom bżonn jitilgħu Londra għall-kura speċjalizzata.
Grazzi ħafna mill-qalb lil dawn ħutna l-patrijiet għal tant ħidmiet li qed jgħamlu hemmhekk.

UN LIBRO DA CUI NON DISTOGLIERE LO SGUARDO

Din l-intervista saret lil Professur Franco Cardini (1940 -), espert internazzjonali fuq il-medjuevu. Huwa ppubblika l-ktieb *Francesco d' Assisi, Mondadori*, Milano, 1989, li ġie stampat kemm il-darba.



Cos'è che differenzia Francesco dai gruppi ereticali, come i Catari?

Innanzitutto la posizione di fronte alla Chiesa: Francesco non solo predica l'obbedienza, ma quasi venera anche l'ultimo dei preti più peccatori, perché le sue mani consacrano l'Eucaristia. Ma io credo che ci sia anche qualcosa di più: al tempo di Francesco, come pure oggi, la grande insidia che minacciava il cristianesimo (la lotta durava già da alcuni secoli) era quella mistico-ascetica, iniziatica, che è poi la *gnosi.* L'eresia catara era una filiazione diretta della gnosi, come tutte le eresie. E spesso si è insinuata anche nel campo cattolico: tutto il nostro modo di rileggere i mistici cristiani è impregnato di gnosticismo.

Si riferisce all'intellettualismo di Francesco?

Sì, in fondo niente può fare più orrore a uno gnostico che predicare l'*ignoranza* come faceva Francesco. La sua è una volontaria depressione dell'intellettualità. Non gli interessano le questioni concettuali, anzi le trova assai pericolose. Ciò che colpisce di Francesco è che egli è davvero un uomo della Rivelazione: dopo la venuta di Gesù Cristo nel mondo non c'è più nulla da capire, tutto è diventato semplice, chiaro. Perché in Cristo c'è tutta la sapienza dell'universo compendiata. L'unico Libro da cui non distogliere mai lo sguardo è Cristo nudo sulla croce. Tutti gli altri libri sono oziose perdite di tempo, vie tortuose che solleticano pericolose ambizioni. Per questo Francesco si mostra così duro, incomprensibilmente, nell'episodio del frate che chiede il Salterio…

Ce lo racconta?

Si tratta di un novizio che chiedeva continuamente di avere almeno un Salterio, per leggere i salmi. Probabilmente c'erano diversi frati che erano un po' stufi di quegli eccessi: d'accordo l'ignoranza, d'accordo la non-conoscenza anche della Sacra Scrittura, ma almeno poter leggere i salmi… Quella di Francesco sembrava un'esagerazione.

E Francesco cosa risponde?

Per lui non è una questione quantitativa (almeno un libro) ma qualitativa. La povertà ha da essere assoluta perché Cristo crocifisso è tutto quello che c'è da sapere. Per farlo capire al frate che si lamenta gli fa una strana predica mimata: quando tu hai avuto il Salterio, poi dirai "E perché non il Breviario?". E quando avrai avuto il Breviario ti sentirai un maestro, allora siederai in cattedra e dirai a un altro frate: "Portami il Breviario", perché sapendo di più penserai di valere di più. Alla fine Francesco fa una cosa buffa: prende il libro del Salterio, se lo mette in testa e comincia a girare attorno al frate dicendo "Io, il Salterio…". Che vuol dire, probabilmente, "Il tuo Salterio sono io".

A noi parrebbe quasi in plateale contraddizione con la sua radicale umiltà. Ripete continuamente: «Bisogna essere fedeli all'Ordine e a me». Ma è sciocco interpretarlo come vanagloria: Francesco aveva scelto l'umiliazione quotidiana, anche dura e pesante. Il fatto è che l'intuizione originaria del suo movimento, quello che lui ha sottoposto al giudizio del Papa stesso, è lui stesso. È la coscienza che il cuore della sua proposta non è una teologia o un'idea, ma il fatto nudo e vivente di Cristo. Per questo: "Io sono il tuo Salterio". Lui sa e dice di essere l'ultimo dei poveracci, ma chi si fa frate deve imitare lui.

Papa Gulju II

Din ix-xahar jaħbat il-500 sena mill-mewt tal-Papa franġiskan Gulju II. Hawn se nagħtu ħjiel dwar ħajtu :

1443 - Giuliano della Rovere twieled fil-15 ta' Diċembru f' Albissola Superiore di Savona minn Rafaello della Rovere, hu Papa Sistu IV, u l-griega Teodora Manerola.

Kien student mal-franġiskani fil-kunvent ta' S. Franġisk ġewwa Perugia imma zijuh ħadu biex jibda karriera ekklezjastika.

1471 - Fis-6 t' Ottubru ġie elett isqof ta' Carpentras fi Franza u fil-15 ta' Diċembru ġie magħżul bħala kardinal bit-titlu ta' *S. Pietro in Vincoli*.

Din il-pittura ta' Raffaello, li qegħda fin-*National Gallery*, ta' Londra, turi lill-Papa bil-leħja kbira li żamm biss bejn is-27 ta' Ġunju 1511 u Marzu 1512, bħala sinjal ta' luttu minħabba t-telfa tal-belt ta' Bologna mill-Istati Papali.

1503 - Fil-31 t' Ottubru, fi ftit siegħat u kważi unanimament, ġie elett bħala Papa u ha l-isem ta' Gulju, għax kellu ammirazzjoni kbira lejn l-imperatur Gulju Cesari, li bħalu kellu l-kapaċita li joħloq inizjattivi ġodda u l-qawwa li jmexxi. Kellu ħarsa penetranti u kien mibni sew. Fi żmienu kien hemm min sejjaħlu '*il Papa Terribile'* jew '*il Papa Guerriero'*. Huwa ġie kkonsagrat fis-26 ta' Novembru.

1505 - Qabad lil Michelangelo biex jagħmillhu x-xogħol tal-qabar imponenti tiegħu fil-knisja ta' *S. Pietro in Vincoli*. L-istatwa ta' Mose hija rifless tal-personalita' ta' dan il-Papa. Qabdu wkoll biex ipitter is-saqaf tal-Kappella Sistina. Fl-istess waqt qabad ukoll lil Raffaello Sanzio da Urbino biex ipitter dawk li llum jsejjħu *quattro stanze di Raffaello* fil-Palazz tal-Vatikan.

1506 - Fi-22 ta' Jannar waqqaf il-korp tal-Gwardji Svizzeri. Fit-18 t' April poġġa l-ewwel ġebla tal -bini mill-ġdid tal-Bażilika ta' S. Pietru fuq disinn tal-perit Donato Bramante.

1512 - Fit-3 ta' Mejju fetaħ il-Konċilju Lateran V, fejn ikkundana xi żbalji, hadha kontra il-periklu ta' xi xiżma u neħħa l-*prammatica sanzione* ta' Franza. Fil-fatt ir-Re Luigi XII ried jsejjaħ konċilju ġenerali fi Pisa biex jagħmel xiżma. Imma l-Papa waqqaflu u skomunika wkoll żewġ kardinali għax qablu mar-re.

1513 - Fil-lejl tal-20 ta' Frar miet u ndifen fil-Bażilika ta' S. Pietru. Kellu 72 sena u dam Papa għal kważi 9 snin u 4 xhur.

Esperjenza mill-isbaħ

N.B. Dan l-artiklu, miktub minn Sr. Elaine Spiteri flimkien ma' sħabha fil-formazzjoni, deher f' p. 4 tar-rivista *Paċi u Ġid*, maħruġa mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu (ta' Malta).

L-istedina li ġiet ippreżentata lilna mill-patrijiet Franġiskani biex nieħdu sehem fil-missjoni li kienet se ssir f' Ħal-Għaxaq, ġiet milqugħa bil-ferħ u fl-istess ħin minħabba li kienet l-ewwel esperjenza tagħna, f'moħħna ġrew ħafna ħsibijiet.

Din il-missjoni bdiet billi l-ewwel għamilna ħin ta' talb flimkien fil-Knisja tal-patrijiet fir-Rabat, Malta, u wara kellna mument ta' fraternita fil-ġnien. Imbgħad nhar l-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2012 inbdiet din il-missjoni billi morna Ħal Għaxaq u kellna quddiesa mmexxija mill-Kappillan Fr. Mario Said flimkien ma' xi wħud mill-patrijiet. Il-kappillan stess wassal il-messaġġ li din il-missjoni kienet se tkun grazzja kbira għal kull paruċċan. Fl-aħħar tal-quddiesa dawk kollha li kienu ser jieħdu sehem f' din il-missjoni, ġie mogħti lilhom il-mandat biex ixandru l-Kelma ta' Alla u bħala sinjal ta' dan ingħataw it-TAU. Ta' min jgħid li l-paruċċani Għaxqin ikkorispondew bi ħġarhom.

F' dawn l-erbat jiem li għaddejna f' Ħal-Għaxaq, kull filgħodu konna nibdew bit-talb ta' Sbieħ il-jum u wara quddiesa b'katekeżi għat-tfal. Wara, flimkien mal-kappillan, konna mmorru ċ-ċentru fejn konna niġu mibgħuta tnejn, tnejn kif S. Franġisk bgħat l-irħieb tiegħu tnejn, tnejn f' kull familja. Ġejna milqugħa bil-ferħ u kienu ħafna dawk li qasmu magħna s-sabiħ u t-tqil tal-ħajja tagħhom. Għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar konna ninġabru lura fiċ-ċentru biex bħala fraternita naqsmu l-ikla flimkien li tkun ġiet ippreparata mill-qlub ġeneruż tal-Għaxqin.

Għalina lkoll kien mument fejn qsamna l-esperjenza li nkunu għaddejna filgħodu. Ma naqasx li għalina l-istudenti kien ukoll mezz ta' fraternita għax b' hekk sirna nafu wkoll lil xulxin. Iż-żjajjar tagħna lin-nies konna nerġgħu nibdewhom wara nofsinhar għall-ħabta tal-erbgħa sa xi sitta. Meta nispiċċaw iż-żjajjar, konna ngħidu l-Għasar u wara quddiesa b'katekeżi għall-kbar, li żgur ħalla frott f' kull min semagħhom.

Il-programm kien imżewwaq b'attivitajiet għal kull eta u kull tip ta' stat inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ. Il-Ħadd filgħodu għedna t-Tifħir ta' Sbieħ il-jum u wara kellna quddiesa tal-għeluq. Reġa ngħata lura t-TAU lill-kappillan bħala sinjal li l-missjoni f' dan ir-raħal intemmet. Żgur li kull sforz li sar minn kull membru li ħa sehem, kemm patrijiet, sorijiet u lajċi ħalla l-frott ma' kull min mess ma' din il-missjoni. Ħajr lill-Mulej.

Mill-gazzetti

Mill-ħażna tat-tikiriet (27)

N. B. Din hija parti minn artiklu tal-Avukat Joseph Micallef Stafrace li deher fil-gurnal *Leħen is-Sewwa* tat-13 t' Ottubru 2102 f' paġna 15.

Fra Eġidju

F' dak iż-żmien il-ġnien (il-Barakka t'Isfel) ifakkarni fi Fra Egidju Mallia (+1981), ajk franġiskan. Sa ftit snin ilu, il-Franġiskani Minuri u l-Kappuċċini kien ikollhom ajkijiet joħorġu għaċ-ċirka, jiġifieri jiġbru għall-kunvent. Kien ikollhom fi driegħ minnhom il-ħorġa jiġifieri bħal xkora aktarx bajda bi speċi ta' borża jew but fuq tarf u l-istess fit-tarf l-ieħor. Kienu jħabbtu l-bibien f'jiem fissi u n-nies titfgħalhom xi ħaġa fil-ħorġa. Kienu jsellmu b'xi tislima bħal "Sant'Antnin ikattarlek" jew "Sant'Antnin jipprovdilek". Għawdex kien hemm ajk kapuċċin idur għaċ-ċirka b'karettun miġbud minn ħmar.

Fil-barakka t' Isfel fra Eġidju kien jiġi għal naqra *break*. Kont tarah ġej b'umbrella kbira ta' lewn griż li jagħlaqha malli jintefa' fuq bank taħt siġra għad-dell, itella' t-tonka sa fuq irkobbtejh ħa jiffriska u jintefa' lura ma' dahar il-bank. Kien ta' ftit kliem u wara xi għoxrin minuta kien jissokta fi triqtu jiġbor.

Il-Barakka ġieli kont tara wkoll, imma rarament, lil Patri Odorico Grima, astrologu, magħruf bħala l-'patri tal-almanakk'. Miet fl-1964. dan il-franġiskan minuri, li twieled l-alġerija minn ġenituri għawdxin, kien joħroġ almanakk bi tbassir tat-temp u tagħrif dwar meta jsir it-tali u tali żrigħ. Il-gost tagħna kien li ngħidulu jbassrilna t-temp. Ġieli jinzerta u ġieli le.

Kien żmien l-irwiegel. Il-bdiewa kienu josservaw it-temp bejn it-13 u l-24 ta' Diċembru u fuqu jbassru x'jistennew fis-sena ta' wara.

Għalkollox differenti kien Patri Pawl Tabone, professur tad-*diritto canonico* fl-Universita'. Dak dejjem kien ikun waħdu rasu mgħaddsa ġo xi ktieb. Lili kien iqisni bħala "tifel tal-iskola".

Sirt nafu sew fis-sittinijiet għax konna spiss nitkellmu fuq il-ġrajjiet ta' dawk il-jiem. Imma tiskanta x'baqa' mwaħħal ma' moħħi dwaru. Darba qalli: "Ma nistax għaliha li nitla' fuq karozza tal-linja u tqumli, ħa toqgħod bil-wieqfa hi, xi mara tqila. Prijorijitajiet u r-rispett spostati għax l-ewwel rispett għandu jkun lejn dak li tkun qed iġġorr fi ħdanha!".



25 sena ilu



Fil-25 ta' Frar 1988 - 25 sena ilu - miet ħabta u sabta P. Marjanu Vella O.F.M.. Hu kellu 61 sena biss. Għalhekk tajjeb li niftakru fih u fil-kitbiet li halla warajh.

Twelid Tas-Sliema fl-14 ta' Diċembru 1927.
Irċieva l-magħmudija fil-parroċċa tagħna nhar it-18 ta' Diċembru 1927 bl-isem ta' *Joannes-Maria*, *Josephus*, *Antonius*, *Martinus* u *Franciscus*. Kien tifel uniku.
Skejjel: f' Tas-Sliema attenda fil-Kulleġġ Stella Maris u l-Montessori u fil -Belt Valletta, il-Liċeo.

Dan id-disinn sar mill-pittur Pawlu Camilleri Cauchi. L-istess pittur reġa pinġih fl-arzella li hemm fuq l-orgni tal-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor f' Tas-Sliema.

Ha l-libsa franġiskana nhar is-16 ta' Settembru 1945 u għamel in-novizzjat fil-kunvent ta' S. Antnin, Għawdex. Hemmhekk inġħata l-isem ta' Marjanu.
Ipprofessa l-vot sempliċi nhar id-29 ta' Settembru 1946 u dawk solenni nhar it-2 t' Ottubru 1949.
Beda l-kors tal-filosofija fil-kunvent tagħna tal-Belt Valletta u dak tat-teoloġija fil-kunvent tar-Rabat.
Ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-Kon-Kattidral ta' S. Gwann nhar it-3 t' Awwissu 1952.
Iċċelebra l-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-parroċċa tagħna nhar l-10 t' Awwissu. Il-paneġirku għamilulu l-kuġin tiegħu P. Serafin Vella OFM.

Il-ħidma appostolika bdieha Għawdex fejn inħatar Mastru tan-Novizzi u għalliem tat-Taljan u tal-Malti fil-Kulleġġ ta' S. Antnin, li kellha l-Provinċja hemmhekk. Wara tlett snin intbgħat Tas-Sliema biex jaħdem fil-parroċċa. Beda jgħallem ukoll l-istudenti tagħna, it-Taljan. Għallem ukoll l-istess suġġett fil-klassijiet sekondarji tal-Kulleġġ Stella Maris, il-Ġżira. Fil-Kapitlu Provinċjali ta' Lulju 1964 ġie magħżul definitur provinċjali għal tlett snin. Fil-Kapitlu Provinċjal ta' 1967 inħatar Vigarju Provinċjali, fejn dam għal tlett snin oħra. Fil-Kapitlu Provinċjali tal-1973 barra li inħatar direttur tal-vokazzjonijiet u direttur tad-Dar tal-Irtiri, reġa ġie elett Definitur Provinċjali. Fit-23 t' April 1976 ġie elett mill-ġdid definitur, kif ukoll f' dak li sar fl-1985.

Fl-1960 inħatar Rettur tal-kappella S. Marija Goretti (illum Kappella Ġesu Ħabib) u d-Dar tad-Duttrina fi Strada Roza (illum Triq P. Marjan Vella), fejn nistgħu ngħidu, ngħata b'ruħu u ġismu għall-qadi tan-nies ta' dawk l-inħawi f' Tas-Sliema. Barra minn dan kien konfessur ta' bosta sorijiet u lajċi. Kien konferenzier imfittex minħabba fl-intelliġenza li kellu u ta dan hemm xhieda il -bosta kotba ta' livell għoli, li kellu f'kamartu fuq bosta suġġetti, fosthom l-arti u l-letteratura.

Il-fdal tiegħu jinsab fil-kappella Ġesu Ħabib f' Tas-Sliema.

P. Marjan jidher ma' grupp ta' studenti franġiskani fil-ġnien tal-kunvent S. Marija ta' Gesu - Rabat. Lulju 1979



Kitbiet biografiċji :
Fra Diegu - Missier il-Fqajrin, 1952 u 1957, pp.24
Erwieħ Kbar ta' Żminijietna, ħajjiet fil-qosor, 1954, pp.60
Bjuda Serafika, ħajja tal-B. Assunta Pallotta F.M.M., 1955, pp.58
Maggy Lekeux - *Teacher* Belġjana, 1957 u 1958, pp. 62
Ġrajja ta' Omm, 1958, pp.56
Nar li jqaddes - ħajja ta' Armida Barelli, 1960, pp.64
Glorja tal-kleru Malti - Nazju Falzon, 1964, 1965 u 2001 (Ed. Tau), pp. 84

Kitbiet devozzjonali :
Novena perpetwa f'ġieħ il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu, 1955, pp.24
Il-Madonna , Omm tas-Sokkors Perpetwu, 1962, pp.48
Novena perpetwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, 1971

Kotba ta' poeżija :
Ġiżmin Aħmar, 1958, pp.88, poeżji għat-tfal, li daħal fl-iskejjel tal-Gvern u Privati
Dgħajjes tal-karti, 1969, pp.115
Ħitan tas-sejjieħ, 1975, pp.104, li rebbiħtu r-*Rotmans Prize* għall-poeżija u ntgħażel għall-eżami tal -Matrikola tal-Malti
Ġarġir mal-ħerża, 1979, pp. 129, li għaliha ngħata l-Premju Letterarju mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fl-1980
Qoffa riħ, 1985, pp. 112.

Versi għall-**Oratorj**i Mużika Profs. J. Vella
Madonna tas-Sacro Cuor, 1986
Demm fuq il-Verna, 1987

Minbarra minn dawn, huwa kiteb bosta artikli. Ta sehemu fit-traduzzjonijiet li dehru fil-Misssal u l -Brevjar Franġiskan u fil-Fonti għall-ħajja ta' S. Franġisk Vol. 1 u 2, Edizzjoni Tau, 2005 - l-aħħar ħarġa.
Wara mewtu, inħareġ il-ktieb, *Demm fuq il-Verna*, Ed. Tau, 1989, pp. 78 - ġabra ta' poeżji, li nstabu miktubin f' żewġ pitazzi, flimkien mal-versi tal-Oratorji msemmija.

Aktar tagħrif jinstab fil-kotba : *Marjanu Vella* ta' P. Gorg Aquilina O.F.M. u Bernard Micallef, 2000, pp.30; *Profili biografiċi ta' Slimiżi magħrufin*, ta' P. Ranjeru Zammit O.F.M. Cap., 2003, p.144 –148.

For our English readers : you can read an article about Fr. Marjanu Vella at Wikipedia—on line.







AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA

Fit-28 ta' Diċembru, fid-Dar tal-Irtiri Portiuncola ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, saret il-laqgħa tal-Milied għall-patrijiet u l-familjari. Hija bdiet b'quddiesa konċelebrata mill-Provinċjal (ara ritratt). Wara sar *cold buffet* għal kulħadd, fejn itellgħu wkoll xi rigali. Din ssir b' mod speċjali biex nuru l-apprezzament tagħna lejn xulxin u lejn il-familjari tagħna.

Fis-6 ta' Jannar 2013 ġiet iċċelebrata s-solennita tal-Epifanija tal-Mulej fil-kappella tas-Sorijiet Klarissi. Il-Provinċjal mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' xi aħwa tal-Provinċja.

Nhar it-8 ta' Jannar tħabbret il-mewt tas-Sinjura Victoria Abela, omm ħuna P. Gwann (R.I.P.). Il-quddiesa konċelebrata *praesente cadavere* saret l-għada fil-knisja tagħna tar-Rabat. Agħtiha, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

Għall-bidu tal-ħidma pastorali tal-isqof Prelat ta' Pompei, Mons.Tommaso Caputo, barra l-isqfijiet P.Cremona, G. Martinelli u S. Magro, kien hemm preżenti wkoll P. George Bugeja. Dan sar nhar it -12 ta' Jannar.

P. George Bugeja irċieva diploma għall-kors li għamel fuq it-teoloġija tal-ħajja konsagrata mill-*Istituto di Teologia della Vita Consacrata 'Claretianum'* fi ħdan il-*Pontificia Universita Lateranense* ta' Ruma. Awguri !!!

Il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa, fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi, se jagħmel kors ta' sitt laqgħat fuq il-kapitlu 11 tal-Ittra lil Lhud. Il-kors se jmexxih P. Marcello Ghirlando u l-50 applikazzjoni għalqu fl-aħħar tax-xahar ta' Jannar. B'hekk dan il-Kummissarjat, mhux biss qed jorganizza pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa (ara p. 12), imma minn żmien għal żmien, qed jorganizza wkoll korsijiet qosra fuq xi aspett bibliku. Għal aktar tagħrif wieħed jista' jagħmel kuntatt mal-Kummissarjat.

Il-Provinċjal u P. Richard Stanley Grech, Vigarju Provinċjali, flimkien mal-komunita tal-Klarissi fi żjara li għamulhom fil-jiem tal-Milied.

FESTI MARZU 2013 BIRTHDAYS

19. P. Ġużepp Camilleri
P. Joe Caruana
Mons. J. Bonello
Fra Ġużepp Debono
P. Joseph Magro
P. Joseph Ciappara
31. P. Benjamin Galea

11. P. Joseph Magro
15. P. Paul Attard
21. P. Walter Vassallo
24. P. Gabriel Micallef
29. Fra Clive Camilleri

Xewqat qaddisa !!!!!!

L-ART IMQADDSA MAL-FRANĠISKANI

Art Imqaddsa u Ġordanja 4 April - 14 April

Art Imqaddsa 1 Mejju - 9 Mejju , 22 Mejju - 30 Mejju
17 Lulju - 25 Lulju , 4 Awwissu - 12 Awwissu
4 Settembru - 12 Settembru

Art Imqaddsa u Sinaj 3 Novembru - 13 Novembru

Għal aktar dettalji : Tel. 21 24 22 54
E-mail: comalt@ofm.org.mt
hhttp:// www.i-tau.org/comalt

Tħallux għall-aħħar !!!!!!!!!

WERREJ

Il-Fidi ta' S. Franġisk (5)	2	-	3
Barbaro		4	
F. Cardini	5	-	6
Esperjenza mill-isbaħ		7	
Mill-gazzetti		8	
25 sena ilu	9	-	10
Aħbarijiet mill-Provinċja		11	

OFM - LINK

L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 3200
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet.mt

Għall-aħħar aggornamenti
hhtp://www.ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.